MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 94/2009

**Helen Camilleri
(I.D. Card Nru. 1116747M)**

**vs**

**Stephanie Bartolo
(I.D. Card Nru. 105288M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba pprezentat mill-attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin euro u hmistax-il centezmu (€1,281.15) rapprezentanti bilanc ta' flus mislufa mill-attrici lill-konvenuta, kif jirrizulta mid-dokumenti "A", "B", "C" u "D" annessi ma' l-Avviz tat-Talba, ghall-bzonnijiet personali ta' l-istess konvenuta meta din kienet qed tiggestixxi l-hanut D-Square, 2, St. Lucy Street, Naxxar. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-5 ta' Jannar 2009 u ta' l-14 ta' Jannar 2009 u bl-

imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Jannar 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-seduta izda din ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attrici li xehdet waqt is-seduta tat-30 ta' April 2009 fejn spjegat illi kienet selfet lill-konvenuta s-somma ta' Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.75, u dana ghal bzonnijiet personali ta' l-istess konvenuta konnessi mal-gestjoni da parte taghha tal-hanut D-Square, Nru. 2, St. Lucy Street, Naxxar. L-attrici selfet dawn il-flus lill-konvenuta ghaliex l-istess konvenuta ma rnexxililhiex tottjeni self minghand il-Bank.

Minn dan l-ammont l-attrici rceviet hames pagamenti akkont, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' l-Avviz tat-Talba minn fol. Sa' 5 tal-process: Lm300 (ekwivalenti ghal €698.81) f'Jannar 2008, Lm300 (ekwivalenti ghal €698.81) f'April 2008, Lm250 (ekwivalenti ghal €582.34) f'Lulju 2008, Lm300 (ekwivalenti ghal €698.81) f'Ottubru 2008 u Lm300 (ekwivalenti ghal €698.81) f'Jannar 2009, b'dana li jifdal bilanc ta' Lm550, ekwivalenti ghal €1,281.15 - l-ammont pretiz mill-attrici permezz tal-proceduri odjerni.

L-attrici kkonfermat li dan il-bilanc ta' €1,281.15 minnha mitlub b'dawn il-proceduri ma thallasx u ghadu dovut lilha.

Jirrizulta mill-atti li l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas li saret mill-attrici verso l-konvenuta kienet permezz ta' l-Avviz tat-Talba li gie pprezentat fit-3 ta' Frar, 2009. Ghalhekk kwalunkwe imghax legali dovut lill-attrici ghandu jibda jiddekorri mit-3 ta' Frar 2009 u mhux mit-3 ta' Jannar 2009 kif pretiz mill-istess attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin euro u hmistax-il centezmu

(€1,281.15), bl-imghax legali dekoribbli mit-3 ta' Frar 2009 (id-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba) sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------